**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 13 ta` Lulju 2020**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Nru. 750/09/2 JZM**

**Perit Raymond Vassallo KI Nru. 107544(M) u ghal kull interess li jista` jkollha Mariella Vassallo, KI Nru. 2649(M)**

***kontra***

**1 Regent Holdings Limited (C-2130)**

**2 Perit William Carbonaro u Gabriella Carbonaro, mizzewgin**

**3 Perit Edward Micallef u Anna Micallef, mizzewgin**

**4 Anthony Parlato Trigona u Ingrid Parlato Trigona, mizzewgin**

**Dan huwa provvediment dwar rikors li pprezentaw l-intimati kollha fil-5 ta` Lulju 2019 (fol 732 et seq)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat id-digriet li tat fid-9 ta` Lulju 2019.

Rat ir-risposta li pprezenta l-Perit Raymond Vassallo fis-17 ta` Lulju 2019.

Rat id-digriet l-iehor li tat fis-6 ta` Awwissu 2019.

Semghet is-sottomissjonijiet li saru mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta` Novembru 2019.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment fil-miftuh.

Rat il-provvedimenti moghtija mill-Prim`Awla tal-Qorti kif presjeduta fil-31 ta` Jannar 2017 u dak moghti minn din il-Qorti kif presjeduta fl-24 ta` Gunju 2019 (ghal liema provvedimenti saret referenza mill-intimati fir-rikors odjern).

Rat ukoll provvediment **<u>iehor</u>** li kien inghata minn din il-Qorti kif presjeduta fit-28 ta` Mejju 2019.

Billi l-provvedimenti tal-qorti citati mill-intimati fir-rikors odjern ghadhom fis-sehh.

Billi t-taxxa u l-ispejjez li nghataw dettalji taghhom fir-rikors odjern jirrizulta li huma korraborati minn dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Billi t-taxxa u l-ispejjez indikati mill-intimati huma accessorji u konsegwenzjali ghall-provvedimenti tal-qorti citati mill-intimati fir-rikors odjern.

Billi l-ammont reklamat mill-intimati huwa gustifikat u dovut mill-Perit Raymond Vassallo u martu Mariella Vassallo.

**Tilqa` t-talba tal-intimati kif dedotta fir-rikors taghhom tal-5 ta` Lulju 2019.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment ikunu a karigu tal-Perit Raymond Vassallo u martu Mariella Vassallo.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**